MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 10/2023 LM

**Luke Desira (K.I. nru. 274787M) u Romilyn Jo Desira (K.I. nru. 531292M)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Luigi Conte (K.I. nru. 165731A)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Luigi Conte (K.I. nru. 165731A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], minn deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Novembru, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li ddeċieda t-

talbiet tar-rikorrenti **Luke Desira (K.I. nru. 274787M)** u **Romilyn Jo Desira (K.I. nru. 531292M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] kontra l-intimat, kif ġej:

> *"Therefore, for the abovementioned reasons, in the circumstances, after having seen Chapter 378 of the Laws of Malta, the Tribunal hereby decides this claim by partially upholding it and consequently condemns the respondent to pay the applicants the sum of two thousand Euro (€2,000). Interest shall run as from the date of this decision.*
>
> *All costs relating to these proceedings are to be borne by the respondent."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tat-talba tagħhom lit-Tribunal, ir-rikorrenti spjegaw li fit-18 ta' Lulju, 2020 huma kkuntrattaw lill-intimat sabiex jagħmel xi xogħol fl-appartament tagħhom, u kien hemm żmien stipulat li fih ix-xogħol kellu jkun lest. Il-partijiet għamlu ftehim bil-kitba bit-termini u kundizzjonijiet li kellhom jirregolaw din ir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom, u r-rikorrenti anki ħallsu l-ammont ta' €1,450 bħala depożitu qabel l-intimat beda x-xogħol. Ir-rikorrenti qalu li l-intimat beda x-xogħol kif miftiehem, iżda huwa kien jaħdem biss b'ħaddiem wieħed. Ir-rikorrenti spjegaw li huma ma kellhomx problema b'dan, sakemm ix-xogħol li kellu jsir, u jitlesta fiż-żmien miftiehem. Ir-rikorrenti qalu li l-intimat ħadem xogħol ta' *plumbing* u ta' mogħdija tal-elettriku, u wara ġimagħtejn xogħol huma ħallsuh l-ammont ta' €3,650 oħra. Ir-rikorrenti qalu li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, beda jidher ċar li l-intimat kien stressjat minħabba fix-xogħol li kienu tawh. Komplew jgħidu li wara xi ġimagħtejn, huma talbuh jagħmel sistema ta' iżolament u jibni ħajt tal-ġibs fl-*open plan* tal-appartament, u huwa qalilhom li ried €1,000 għal dan ix-xogħol. Qalu li minkejja li l-intimat għamel ix-xogħol tal-iżolament mitlub, il-ħajt tal-ġibs baqa' ma

bniehx. Ir-rikorrenti spjegaw li kull darba li l-intimat staqsiehom kif riedu li jsir ċertu xogħol u huma weġbuh, dan kien jgħidilhom li tali xogħol ma kienx inkluż fil-prezz ikkwotat minnu. Qalu wkoll li meta wrewh xi *fittings* tad-dawl li huma xtaqu jinkorporaw fil-*gypsum,* huwa kien qalilhom li dawn ma setgħux isiru. Qalu li l-intimat ma staqsiex ċerti affarijiet qabel ikkwota l-prezz tiegħu, u ċerti domandi beda jagħmilhom biss wara li kien beda x-xogħol. Ir-rikorrenti spjegaw li l-intimat esprima rabja għal suġġeriment li sar minn wieħed minnhom, u infurmahom li kellu bżonn ġurnata ta' waqfien minħabba xi problemi personali li nqalgħulu. Qalu iżda li l-intmat għamel ġimgħa wieqaf, u huma bdew jinkwetaw li dan ma kienx ser ilaħħaq mat-terminu ta' żmien mogħti minnhom. Ir-rikorrenti qalu li huma kellhom laqgħa mal-intimat, fejn dan infurmahom li kien fi ħsiebu jkompli bix-xogħol, iżda sussegwentement huwa bagħat messaġġ telefoniku lil mart ir-rikorrent, fejn qalilha li l-partijiet kellhom jersqu għal ftehim bil-miktub dwar it-termini u kundizzjonijiet tal-proġett. Ir-rikorrenti qalu li huma rrifjutaw li jagħmlu dan għaliex l-intimat kien ingħata d-depożitu u beda x-xogħol mingħajr ma kien hemm xejn bil-miktub bejn il-partijiet. Qalu li wara skambju ta' diversi messaġġi telefoniċi, l-intimat infurmahom li huwa ma kienx dispost li jkompli bix-xogħlijiet. Ir-rikorrenti qalu li huma kienu ferm inkwetati għaliex sadanittant huma kienu ħallsu l-ammont ta' €5,100, u l-intimat kien għadu lesta parti żgħira ħafna mix-xogħlijiet. Ir-rikorrenti qalu li fl-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu, l-intimat kien neħħa l-għodda minn fuq il-post, u ħalla biss skart tal-kostruzzjoni u skart ieħor, bir-riżultat li ġiet ikkawżata ħsara lill-*waterproofing* tat-terrazzin. Ir-rikorrenti qalu li l-intimat talab ħlas ta' €1,000 għall-ħajt, €1,500 għax-xogħol tal-*plumbing* u tal-elettriku, u huwa kellu jirrifondihom id-differenza tad-depożitu mħallas lilu. Qalu li wara li kien hemm

qbil dwar dan, l-intimat għal darb'oħra bidel it-termini tal-ftehim, u infurmahom li dawn il-prezzijiet ma kienux jinkludu l-VAT, li kellha titħallas apparti. Ir-rikorrenti qalu li l-biżgħa tagħhom kienet li huma jitilfu d-depożiti kollha mħallsa minnhom, u għalhekk qablu ma' dak propost minnu. Qalu li għalhekk l-intimat kien fi ħsiebu jżomm €2,950 mill-flus imħallsa lilu, u wera li ma kienx ser jibdel fehmtu dwar dan. Ir-rikorrenti spjegaw li huma kellhom l-għamara ordnata li kienet ser tasal fi ftit żmien, u għalhekk kellhom isibu persuna oħra sabiex tkompli bix-xogħlijiet meħtieġa fl-appartament tagħhom. Spjegaw li meta ngaġġaw *electrician* ieħor, dan infurmahom li l-ħxuna tal-*cables* użati mill-intimat kienet ta' periklu, u x-xogħol li kien sar minnu kellu jinbidel. Ir-rikorrenti qalu li meta huma għamlu l-verifiki tagħhom, sabu li l-intimat mhux illiċenzjat bħala *electrician,* u għalhekk ix-xogħol tal-elettriku fl-appartament tagħhom kellhom jagħmluh mill-ġdid. Qalu li ladarba l-intimat naqas milli jkompli x-xogħol miftiehem fuq il-ħajt tal-ġibs; huwa mhuwiex *electrician* ikkwalifikat u għalhekk ix-xogħol ta' mogħdija tal-elettriku li kien sar minnu, kellu jerġa' jsir mill-ġdid; il-prezzijiet ikkwotati minnu ma kienux jinkludu l-VAT; ħalla ħsara fuq il-*waterproofing* tat-terrazzin tar-rikorrenti; kisser il-madum tat-travertine li kien impoġġi fuq il-ħajt tat-terazzin; u naqas milli jonora t-termini tal-ftehim bejn il-partijiet billi bidel il-kundizzjonijiet imposti wara l-iffirmar, huma qegħdin jippretendu rifużjoni ta' €3,300 rappreżentanti ħlas li huma laħqu vversaw lill-intimat.

3. L-intimat wieġeb li l-ġudizzju mhux integru għaliex mart ir-rikorrent Luke Desira oriġinarjament ma kienitx inkluża fl-okkju tal-kawża. Din il-kwistjoni ġiet indirizzata sussegwentement waqt is-smigħ tal-kawża quddiem it-Tribunal.

Eċċepixxa wkoll li t-talbiet tar-rikorrenti huma *res judicata* għaliex il-partijiet diġà ttransiġew il-kwistjonijiet kollha li kien hemm bejniethom. Qal li a tenur tal-artikolu 1729 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, transazzjoni għandha s-setgħa ta' sentenza li għaddiet in ġudikat, u konsegwentement l-ilment tar-rikorrent ma jistax jiġi mistħarreġ u deċiż. L-intimat żied jgħid li x-xogħol sar kollu skont is-sengħa u l-arti, u mhuwiex minnu li huwa għamel xi xogħol ħażin, jew li kkawża xi danni. Qal ukoll li l-intimat ippropona li huwa jaċċedi fuq il-post sabiex jara x-xogħol li allegatament sar ħażin, u din il-proposta tiegħu ġiet kompletament injorata mir-rikorrent u martu, li għażlu li jagħmlu xogħol rimedjali mingħajr ma taw opportunità lill-intimat jara u jsewwi x-xogħol li sar ħażin. L-intimat qal li ladarba kollox sar minn wara dahru u ad insaputa tiegħu, it-talba għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha. Qal ukoll li fuq ammissjoni tar-rikorrent innifsu, parti sostanzjali mix-xogħol sar tajjeb, imma minkejja dan, huwa qiegħed jintalab jirrifondi somma li teżorbita l-prezz kollu mħallas mir-rikorrent, bil-konsegwenza li r-rikorrent ikun mhux biss ħa x-xogħol b'xejn, iżda wkoll għamel qligħ indebitu minn fuq l-intimat. L-intimat qal li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li r-rikorrent għandu jġib l-aqwa prova tal-allegazzjonijiet tiegħu u tad-danni pretiżi minnu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fit-13 ta' Novembru, 2023, dan iddeċieda li l-intimat għandu jirrifondi lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"The Tribunal:***

*Having seen the Notice of Claim filed by the applicants on the 24th November, 2020;*

*Having seen the Reply filed by the respondent on the 15th December, 2020;*

*Having seen the Decree delivered by the Tribunal during the sitting of the 8th November, 2021 whereby it was ordered that these proceedings be held in the English language;*

*Having heard the sworn testimony of the applicant during the sitting of the 8th November, 2021;*

*Having seen the documents exhibited by the applicant.*

***Considered:***

*Whereas through the instant proceedings, the applicant is requesting that the respondent be condemned by this Tribunal to pay him the sum of three thousand, three hundred euro (€3,300). This sum represents a refund from payments advanced to the respondent and also compensation for damages caused.*

*Whereas in his reply, the respondent argues that these proceedings should not have been brought because the matter between the parties was already settled through a mutual agreement. Respondent also argues that all works were executed correctly and up to trade standards and therefore, no damages may be attributable to him. Finally, the respondent explains that what is being claimed through these proceedings exceeds the sums which he had been paid by the applicants and therefore, since the applicants will be benefiting from a substantial amount of work, an unjust enrichment scenario arises if their claim is upheld in its entirety.*

*Whereas during his testimony, the applicant explained that he together with his wife had hired the defendant to execute an array of finishing works in their apartment. He stressed that timing was of paramount importance as they were living in rented accommodation. As regards payments, the sum of €1,450 was paid as a deposit on contract and a further payment of €3,650 was made during works, making up a total of €5,100. Half-way during works, the respondent asserted that in order for him to be able to continue, a new agreement would need to be concluded. The applicant explained that he was not satisfied with the work performed by the respondent because plastering of a 13 m wall was not completed; the respondent is not qualified to work as an electrician in Malta; damaged waterproofing on the front terrace, broke travertine tiles that were to be replaced on the terrace wall; did not honour the conditions laid down in the contract of works concluded between the parties. It was*

*acknowledged that a partial refund of €2,150 in cash was made by the defendant, reducing the total sum paid by applicants to respondent to €2,950. No technical evidence of the "damages" claimed was produced.*

*Whereas despite filing a Reply and attending for a sitting, the respondent stopped attending the sittings and therefore, in view of the summary nature of these proceedings, the Tribunal declared the hearing of the Claim as closed in the sitting of the 9$^{th}$ October 2023 and put off the Claim for judgment.*

*Whereas the Tribunal considers that the applicants have satisfactorily proven that many of the works executed by the Respondent were not up to standard, but this still does not justify the award of a sum which surpasses that which they have effectively paid to the respondent. Thus, in the circumstances the Tribunal will use its equitative discretion* arbitrio boni viri *and accordingly liquidates the sum of two thousand Euro (€2,000) as being due to applicants by the respondent."*

**<u>L-Appell</u>**

5. L-intimat ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-21 ta' Novembru, 2023, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella in toto d-deċiżjoni tat-Tribunal tad-9 ta' Ottubru, 2023, fejn it-Tribunal iddikjara l-provi tiegħu magħluqa, u kif ukoll id-deċiżjoni tat-Tribunal tat-13 ta' Novembru, 2023 fl-intier tagħha, filwaqt li tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jisma' l-provi tal-intimat, u jerġa' jiddeċiedi t-talba fil-mertu.

6. L-appellant spjega li fil-fehma tiegħu, it-Tribunal kiser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, meta ma tahx opportunità jressaq il-provi tiegħu. Qal li fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2023, li kienet intiża għall-provi tar-rikorrenti, it-Tribunal iddikjara li l-provi tal-intimat huma magħluqa, u ħalla l-kwistjoni għas-sentenza. L-appellant qal li mill-atti għandu jirriżulta li huwa la kien notifikat bis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2023, u lanqas bil-verbal ta' dik is-seduta. Qal li fis-seduta preċedenti, kien hemm talba għal differiment li ntlaqgħet mit-Tribunal,

u għal din is-seduta ma kien deher ħadd mill-partijiet. Sussegwentement, jidher li fil-5 ta' Ġunju, 2023 t-Tribunal bagħat *email* lir-rikorrenti biss, fejn infurmahom bid-differiment tad-9 ta' Ottubru, 2023, iżda f'din l-*email* it-Tribunal la kkopja lill-appellant u lanqas lill-avukat difensur tiegħu. L-appellant qal li ma sar l-ebda tentattiv ta' notifika lilu ta' dan id-differiment, u għalhekk huwa ma setax isir jaf bis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2023. Qal li huwa ġie notifikat bis-sentenza permezz tal-posta reġistrata, u għandu jirriżulta li huwa ġie notifikat bis-seduti kollha u bis-sentenza, iżda mhux bis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2023, li kienet l-aktar waħda li ppreġudikatu in kwantu l-provi tiegħu ġew dikjarati magħluqa, minkejja li dik is-seduta ma kienitx għall-provi tiegħu. L-apppellant qal li b'żieda ma' dan, it-Tribunal naqas li jinnotifikah bil-verbal tad-9 ta' Ottubru, 2023, biex tal-inqas jagħtih l-opportunità jressaq rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u jitlob l-awtorizzazzjoni biex iressaq il-provi tiegħu. Qal li dan mhuwiex każ fejn huwa ġie jaqa' u jqum mill-proċeduri, jew każ fejn huwa baqa' kontumaċi, għaliex huwa dejjem ħa interess fil-kawża. L-appellant qal li għalhekk huwa ferm sorprendenti kif it-Tribunal mingħajr ebda preavviż, għalaq il-provi tiegħu f'seduta li kienet intiża għall-provi tal-appellati, u meta kien jaf li l-appellant ma kienx notifikat b'dik is-seduta. L-appellant qal li għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal tmur kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, b'mod li ppreġudikat il-jeddijiet tiegħu a tenur tal-artikolu 22(2)(ċ) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellati fir-risposta tagħhom qalu li huma istitwew il-proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn talbu li l-appellant ikun ikkundannat iħallashom is-

somma ta' tliet elef u tliet mitt Euro (€3,300) rappreżentanti rifużjoni ta' pagamenti li huma kienu għamlu lilu, u kumpens għal danni sofferti mill-appellati minħabba xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. L-appellati qalu li l-appell intavolat mill-appellant huwa frivolu u vessatorju. Qalu li f'dan il-każ, ir-regoli ta' ġustizzja naturali ġew segwiti kollha, u li huwa aċċettat li l-proċeduri quddiem it-Tribunal għall-Konsumatur isiru b'mod sommarju. Komplew jgħidu li mill-atti għandu jirriżulta li kien l-appellant stess li talab differiment tas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2023, u t-Tribunal laqa' din it-talba tiegħu u ddeferixxa l-kawża għad-9 ta' Ottubru, 2023. Qalu li matul dawk ix-xhur, u minkejja li kien talab għad-differiment huwa stess, l-appellant ma attendiex għas-seduta tal-Qorti tad-9 ta' Ottubru, 2023 u b'hekk huwa wera indifferenza totali għall-proċeduri quddiem it-Tribunal, bil-konsegwenza li t-Tribunal kellu raġun jiddeċiedi t-talba kontrieh u jordnalu jbati l-ispejjeż. L-appellati qalu li hija responsabbilità ta' kull parti li tikkonsulta l-proċess tat-Tribunal u li tagħmel l-almu tagħha sabiex tinforma ruħha b'kull mezz possibbli dwar il-każ tagħha, u dan sabiex tassigura ruħha li tingħata ċ-ċans li tiddefendi l-każ tagħha. L-appellati qalu li l-appellant lanqas talab għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex iressaq il-provi tiegħu, minkejja li kellu aktar minn xahar biex jagħmel dan. Qalu li lanqas m'huwa fattibbli li wieħed jippretendi li t-Tribunal ikollu ħaddiema li toqgħod iċċempel u tibgħat l-*emails* sabiex tinforma lill-partijiet bid-data tas-smigħ tas-seduta tagħhom, u lanqas m'hemm xi obbligu tat-Tribunal li jagħmel dan. L-appellati qalu li l-proċedura li għandu jsegwi t-Tribunal hija dik stabbilita bil-liġi, u li ebda parti ma tista' tippretendi li għandha xi dritt akkwiżit għaliex tinzerta drabi fejn it-Tribunal *marte proprio* jkun informa lil kull parti b'dak li jkun seħħ waqt is-seduta.

8. L-appellati qalu li t-Tribunal mhux obbligat jibgħat *emails* jew ittri reġistrati bil-verbali jew bl-appuntamenti tas-seduti, u mill-proċess wieħed jista' jinnota kif ħadd mill-partijiet ma ġie nnotifikat bl-appuntament tas-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2023. L-appellati qalu li min-naħa tagħhom kienu huma li ħadu l-inizjattiva u ċemplu lit-Tribunal sabiex jingħataw id-data tal-appuntament il-ġdid, flimkien mad-dati tal-appuntamenti l-oħra li kienu involuti fihom quddiem it-Tribunal. Qalu wkoll li mhuwiex minnu li t-Tribunal innotifika lilhom bl-appuntament tad-9 ta' Ottubru, 2023, u mhux lill-appellant, u l-*email* intbagħtet biss konsegwenza tat-telefonata tagħhom. Żiedu jgħidu illi li kieku t-Tribunal ried joħroġ notifika uffiċjali tas-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2023, ma kienx jinnotifika lill-partijiet b'dan il-mod, iżda kien joħroġ forma ta' notifika li tikkonċerna l-kawża mertu ta' dan l-appell biss. Qalu li l-*email* mhijiex prova li saret xi forma ta' inġustizzja mal-appellant kif qiegħed jipprova jagħti l-impressjoni, iżda din hija prova li l-appellati urew interess fil-kawża tagħhom, xi ħaġa li l-appellant naqas milli jagħmel. Qalu wkoll li l-appellant ma jistax jippretendi li t-Tribunal jikkopja lilu f'*email* li kien fiha informazzjoni personali dwar kawżi li ma jikkonċernawx lilu. L-appellati kkonkludew billi qalu li l-appellant, wara li talab għal differiment huwa stess, u mingħajr ebda ġustifikazzjoni ta' xejn, ma wera l-ebda interess fil-proċeduri quddiem it-Tribunal li kienu jikkonċernawh, u ma bagħat lil ħadd jirrappreżentah fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2023, ma wera l-ebda interess li jissostanzja l-eċċezzjonijiet tiegħu u li jirribatti dak li ppremettew u xehdu dwaru l-appellati. Qalu li l-appellant ma jistax juża din il-proċedura biex jirribatti n-nuqqas ta' interess muri minnu f'dawn il-proċeduri, u għalhekk *imputet sibi.*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell imressaq minnu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal fis-sentenza appellata, u fid-dawl tas-sottomissjonijiet li għamlu l-appellati.

*L-Aggravju:* *[Id-deċiżjoni tat-Tribunal ingħatat mingħajr konsiderazzjoni għall-prinċipji ta' ġustizzja naturali, fosthom is-smigħ xieraq tal-appellant]*

10. L-appellant qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal tikser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, fosthom id-dritt għal smigħ xieraq u dan għaliex il-kawża ġiet deċiża mingħajr ma huwa ngħata l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu. L-appellant qal li s-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2023 tħalliet mit-Tribunal għall-provi tar-rikorrenti, iżda minflok it-Tribunal iddikjara l-provi tal-partijiet magħluqa, u ħalla l-kawża għas-sentenza. Qal li huwa ġie ppreġudikat, u li ladarba ma kienx infurmat lanqas bil-verbal tad-9 ta' Ottubru, 2023, huwa ma setax jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza qabel ma din ingħatat.

11. Il-Qorti tosserva li fid-29 ta' Mejju, 2023, l-avukat difensur tal-appellant kien bagħat jinforma lit-Tribunal li l-appellant kien indispost u għalhekk talab differiment sabiex l-appellant ikun jista' jattendi għas-seduta fejn kellhom ikomplu jinstemgħu l-provi. Jirriżulta li dakinhar stess, it-Tribunal ta digriet li jaqra hekk:

> *"The Tribunal took note of the defendant's email where he asked for an adjournment due to sickness.*
>
> *The Tribunal accedes to his request and adjourns the case to the 9th October 2023 at 1:45pm."*

12. Jirriżulta li d-differiment għad-9 ta' Ottubru, 2023, ingħata fuq talba tal-appellant stess, u għalhekk l-anqas ħaġa li kellu jagħmel l-appellant kienet li jikkonferma mat-Tribunal għal liema data tħalla l-każ. L-appellant ma kienx ġustifikat jippretendi li kellu jkun it-Tribunal jew xi ħadd mill-impjegati tiegħu li jinnotifikah b'dan, u ladarba kien huwa li talab għal differiment, kellu jkun l-appellant li jerġa' jikkuntattja lit-Tribunal bl-istess mod sabiex jara għal meta tħalliet is-seduta li kien imiss. Il-Qorti tqis li mhuwiex verosimili li jingħad li każ li ġie differit għal aktar minn erba' xhur wara, tħalla għaddej mar-riħ mingħajr ma l-appellant talab l-informazzjoni meħtieġa sabiex jara l-każ kontra tiegħu fhiex kien wasal. L-appellant lanqas m'huwa ġustifikat jgħid li d-differiment tad-9 ta' Ottubru, 2023, tħalla għall-provi tar-rikorrenti, għaliex il-verbal tat-Tribunal ma jgħid xejn minn dan. Il-Qorti tqis li huwa l-appellant li għandu jerfa' l-konsegwenza tal-indifferenza li wera fil-konfront tal-proċeduri mibdija kontra tiegħu, speċjalment quddiem il-fatt li ħalla perijodu konsiderevoli ta' żmien jgħaddi u stenna li jirċievi d-deċiżjoni finali bil-posta rreġistrata sabiex ħa interess f'dawn il-proċeduri, u dan meta d-differiment tad-29 ta' Mejju, 2023, kien ingħata fuq talba tiegħu stess. Ċertament li tul dan iż-żmien kollu huwa kellu jagħmel imqar telefonata jew jibgħat *email* sabiex jara għal meta kien tħalla tal-każ, u mhux jitlob differiment u ma jieħux aktar interess ieħor fil-każ. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-aggravju mressaq mill-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravju mressaq mill-appellant, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**